L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

P9_TA(2022)0403

Proċedura baġitarja 2023: test konġunt

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2022 dwar l-abbozz konġunt tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fil-qafas tal-proċedura baġitarja (14783/2022 – C9-0389/2022 – 2022/0212(BUD))

(2023/C 167/30)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u d-dikjarazzjonijiet relevanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (14783/2022 – C9-0389/2022),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, adottat mill-Kummissjoni fl-1 ta' Lulju 2022 (COM(2022)0400),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, adottata mill-Kunsill fis-6 ta' Settembru 2022 u mibgħuta lill-Parlament Ewropew fid-9 ta' Settembru 2022 (12108/2022 – C9-0306/2022),

— wara li kkunsidra l-Ittra Emendatorja Nru 1/2023 għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-5 ta' Ottubru 2022 (COM(2022)0670),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023 ([1]) u l-emendi baġitarji li tinkludi,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 ([4]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 95 u l-Artikolu 96 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A9-0278/2022),

([1]) Testi adottati, P9_TA(2022)0366.
([2]) ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.
([3]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([4]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.
([5]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

1. Japprova t-test konġunt;

2. Jikkonferma d-dikjarazzjonijiet konġunti annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiddikjara li l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023 ġie adottat b'mod definittiv u biex tiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-entitajiet ikkonċernati, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

ANNESS

FINALI

Baġit 2023 – **Elementi għall-konklużjonijiet konġunti**

Dawn il-konklużjonijiet konġunti jkopru t-taqsimiet li ġejjin:

1. Baġit 2023

2. Baġit 2022 – Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 5/2022

3. Dikjarazzjonijiet

— **Ħarsa ġenerali fil-qosor**

A. **Baġit 2023**

Skont l-elementi għall-konklużjonijiet konġunti:

— Il-livell globali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-baġit tal-2023 huwa stabbilit fl-ammont ta' EUR 186 616,7-il miljun. Globalment, dan iħalli marġni taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-2023 ta' EUR 421,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn.

— Il-livell globali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit 2023 huwa stabbilit fl-ammont ta' EUR 168 648,7 miljun. Globalment, dan iħalli marġni taħt il-limitu massimu tal-QFP għall-2023 ta' EUR 3 554,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

— L-Istrument ta' Flessibbiltà għall-2023 huwa mobilizzat f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal ammont ta' EUR 1 235,7 miljun, li minnhom EUR 182,2 miljun għas-subintestatura 2b *Reżiljenza u Valuri*, EUR 170,6 miljun għall-Intestatura 5 *Sigurtà u Difiża* u EUR 882,9 miljun għall-Intestatura 6 *Il-Viċinat u d-Dinja*.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2023 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà fis-snin mill-2019 sal-2023 huma stmati mill-Kummissjoni li jammontaw għal EUR 948,1 miljun. L-iskeda ta' pagamenti stmata tal-ammonti pendenti relatati għal dawn is-snin hija dettaljata fit-tabella li ġejja:

Strument ta' Flessibbiltà – profil ta' pagament (f'miljuni ta' EUR)

Sena ta' mobilizzazzjoni	2023	2024	2025	2026	**Total**
2019	82,2	0,0	0,0	0,0	**223,2**
2020	39,9	0,0	0,0	0,0	**106,1**
2021	10,3	7,6	0,0	0,0	**58,9**
2022	62,7	49,8	36,7	0,0	**368,4**
2023	752,9	279,0	120,6	83,2	**1 235,7**
Total	**948,1**	**336,4**	**157,4**	**83,2**	**1 992,3**

— F'konformità mal-Artikolu 11(1)a tar-Regolament dwar il-QFP, l-Istrument ta' Marġni Uniku huwa mobilizzat f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal ammont ta' EUR 280 miljun fis-subintestatura 2b *Reżiljenza u Valuri*.

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

B. **Baġit 2022**

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 5/2022 huwa approvat, b'emenda waħda meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni: minħabba l-adozzjoni tardiva tal-bażi legali għall-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA), l-ammont ta' EUR 82 972 301 f'approprjazzjonijiet ta' impenn imqiegħda fir-riżerva għal dan il-għan mhuwiex aċċettat, u l-linja baġitarja korrispondenti 13 06 01 ma nħolqitx għas-sena finanzjarja 2022.

— **1. Baġit 2023**

1.1. **Linji "magħluqa"**

Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor hawn taħt f'dawn il-konklużjonijiet, il-linji baġitarji kollha huma kkonfermati kif propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit għall-2023 kif emendat fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2023.

Għal-linji baġitarji l-oħra, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni qabel dwar il-konklużjonijiet inklużi fit-taqsimiet 1.2 sa 1.7 ta' hawn taħt.

1.2. **Kwistjonijiet orizzontali**

Aġenziji deċentralizzati

Il-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament) u l-għadd ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-aġenziji deċentralizzati kollha huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit għall-2023 kif emendat fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2023 bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

— Taħt is-subintestatura 2b:

— L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE, artikolu baġitarju 07 10 08), li fir-rigward tiegħu l-baġit 2023 jinkludi żieda ta' EUR 2,5 miljun u t-trasformazzjoni ta' għoxrin pożizzjoni ta' aġent kuntrattwali f'pożizzjonijiet ta' aġenti temporanji fit-tabella tal-persunal, jekk wieħed jassumi reklutaġġ medju f'nofs is-sena.

— Taħt l-Intestatura 4:

— L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA, artikolu baġitarju 11 10 02), li għaliha qed jiżdiedu sitt pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament qed jiżdied b'EUR 0,5 miljun, jekk wieħed jassumi reklutaġġ medju f'nofs is-sena.

— L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (EUAA, artikolu baġitarju 10 10 01) li għaliha l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament qed jiżdied bi EUR 3 miljun.

— L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex, artikolu baġitarju 11 10 01 tal-baġit), li għaliha l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament qed jitnaqqas b'EUR 50 miljun kif propost mill-Kunsill u maqbul mill-Parlament Ewropew fil-qari tagħhom.

Aġenziji eżekuttivi

Il-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament) u l-għadd ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-aġenziji eżekuttivi huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit.

Proġetti Pilota/Azzjonijiet Preparatorji

Ġie maqbul pakkett komprensiv ta' 39 proġett pilota/azzjoni preparatorja (PP/AP), li minnhom 29 huma ġodda, għal ammont totali ta' EUR 80,1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, kif propost mill-Parlament.

Il-livell ta' approprjazzjonijiet biex jitkompla l-proġett pilota implimentat mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (Proġett Pilota – Lejn il-ħolqien ta' Akkademja Diplomatika Ewropea, partita baġitarja 2 2 5 0) huwa stabbilit fil-livell mitlub mis-SEAE u propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit 2023.

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

Dan il-pakkett jirrispetta l-limiti massimi għall-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji previsti fir-Regolament Finanzjarju.

1.3. **Intestaturi tan-nefqa tal-qafas finanzjarju – approprjazzjonijiet ta' impenn**

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq dwar l-aġenziji u l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni wasal għal ftehim fir-rigward ta' dan li ġej:

Intestatura 1 – Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2023 iżda bl-aġġustamenti li ġejjin, maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Baġit 2023	Differenza
1.0.11	*Orizzont Ewropa*	*12 342 890 425*	*12 352 890 425*	*10 000 000*
01 02 01 02	Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie	864 130 546	874 130 546	10 000 000
1.0.13	*Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)*	*1 019 848 352*	*839 848 352*	*- 180 000 000*
01 04 01	Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER – Impriża Konġunta Ewropea ITER – u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni	1 012 128 572	832 128 572	- 180 000 000
1.0.221	*FNE Trasport*	*1 792 540 197*	*1 852 540 197*	*60 000 000*
02 03 01	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) – Trasport	1 782 813 707	1 842 813 707	60 000 000
1.0.222	*FNE Enerġija*	*815 673 939*	*859 173 939*	*43 500 000*
02 03 02	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) – Enerġija	810 644 269	854 144 269	43 500 000
1.0.31	*Programm għas-Suq Uniku (inkl. SMEs)*	*592 820 090*	*602 820 090*	*10 000 000*
03 02 02	Titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi, partikolarment SMEs, u jiġu appoġġati fl-aċċess għas-swieq	126 384 000	136 384 000	10 000 000
PP/AP	*Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*			*37 325 000*
	Total			**- 19 175 000**

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul tal-approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 21 548,4 miljun, u dan iħalli marġni ta' EUR 178,6 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 1.

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju ([1]), il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel li l-approprjazzjonijiet ta' impenn jerġgħu jsiru disponibbli fuq il-linji baġitarji għar-riċerka għal ammont totali ta' EUR 148,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn. Dawn l-approprjazzjonijiet huma parti mill-ammont globali sa EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) għall-perjodu 2021-2027 kif maqbul fil-qafas tal-ftehim dwar il-QFP. Dan iħalli sa EUR 238,0 miljun fi prezzijiet tal-2018 disponibbli għall-perjodu 2024-2027. Attivazzjoni ulterjuri possibbli tal-Artikolu 15.3 se tiġi diskussa fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva dwar l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep u l-finanzjament tiegħu.

Il-linja baġitarja li ġejja hija msaħħa u r-rimarki baġitarji tagħha huma riveduti kif xieraq:

(f'EUR)

Linja baġitarja	Isem	Approprjaz-zjonijiet ta' impenn
01 02 02 20	Cluster "Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva"	29 762 369
01 02 02 40	Cluster "Diġitali, Industrija u Spazju"	89 287 105
01 02 02 50	Cluster "Klima, Enerġija u Mobbiltà"	29 762 369
Total		**148 811 843**

Subintestatura 2a – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit iżda bl-aġġustamenti li ġejjin, maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Baġit 2023	Differenza
PP/AP	*Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*			*3 500 000*
	Total			**3 500 000**

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul tal-approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 62 926,5 miljun, u dan iħalli marġni ta' EUR 12,5-il miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tas-subintestatura 2a.

Subintestatura 2b – Reżiljenza u Valuri

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2023 iżda bl-aġġustamenti li ġejjin, maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Baġit 2023	Differenza
2.2.23	*Il-kost ta' finanzjament tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI)*	*1 485 775 000*	*1 315 775 000*	*- 170 000 000*

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

Linja baġitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	**Baġit 2023**	**Differenza**
06 04 01	Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) – Il-ħlas ta' kupun perjodiku u l-fidi meta jagħlaq	1 479 775 000	1 309 775 000	- 170 000 000
2.2.25	*EU4Health (l-UE għas-Saħħa)*	*731 750 309*	*739 250 309*	*7 500 000*
06 06 01	Programm l-UE għas-Saħħa	707 621 072	715 121 072	7 500 000
2.2.32	*Erasmus+*	*3 648 525 437*	*3 668 525 437*	*20 000 000*
07 03 01 01	Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-individwi u gruppi, u l-kooperazzjoni, l-inklużjoni u l-ekwità, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ – Ġestjoni indiretta	2 382 120 171	2 400 120 171	18 000 000
07 03 03	Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-persunal sportiv, u l-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet sportivi u l-politiki tal-isport	67 664 711	69 664 711	2 000 000
2.2.33	*Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES)*	*141 196 320*	*144 196 320*	*3 000 000*
07 04 01	Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà	134 298 196	137 298 196	3 000 000
2.2.34	*Ewropa Kreattiva*	*325 290 321*	*332 790 321*	*7 500 000*
07 05 01	Kultura	100 040 879	102 540 879	2 500 000
07 05 02	Media	175 661 827	180 661 827	5 000 000
2.2.352	*Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri*	*212 282 092*	*215 282 092*	*3 000 000*
07 06 02	Il-promozzjoni tal-involviment u tal-parteċipazzjoni taċ-Ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjon	32 154 085	33 154 085	1 000 000
07 06 03	Daphne	25 257 735	26 757 735	1 500 000
07 06 04	Il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni	108 683 873	109 183 873	500 000
2.2.3DAG	*Aġenziji Deċentralizzati*	*268 478 848*	*270 978 848*	*2 500 000*
07 10 08	L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	62 101 095	64 601 095	2 500 000
PP/AP	*Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*			*31 590 500*
	Total			**- 94 909 500**

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

Fid-dawl tar-rata tal-imgħax u l-volum ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-NGEU sa tmiem l-2022, l-approprjazzjonijiet għal-linja baġitarja 06 04 01 jistgħu jitnaqqsu b'EUR 170,0 miljun, filwaqt li tiġi ppreservata bis-sħiħ il-kapaċità li jiġi ffinanzjat il-komponent mhux ripagabbli tal-NGEU fl-2023.

Għal Erasmus+, it-tisħiħ għall-artikolu baġitarju 07 03 03 Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-kowċis u tal-persunal sportiv, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet sportivi u l-politiki tal-isport jippermetti kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' azzjonijiet relatati mal-Olimpijadi speċjali li jmiss.

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul tal-approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 7 660,2 miljun, mingħajr marġni taħt il-limitu massimu tan-nefqa tas-subintestatura 2b u l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għal ammont ta' EUR 182,2 miljun f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-QFP kif ukoll il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Marġni Uniku għal ammont ta' EUR 280,0 miljun f'konformità mal-Artikolu 11(1)(a) tar-Regolament dwar il-QFP.

Intestatura 3 – Riżorsi Naturali u Ambjent

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2023 iżda bl-aġġustamenti li ġejjin, maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Baġit 2023	Differenza
3.2.21	*Il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)*	*725 521 280*	*755 521 280*	*30 000 000*
09 02 01	Natura u bijodiversità	272 761 676	279 011 676	6 250 000
09 02 02	Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja	173 862 556	179 112 556	5 250 000
09 02 03	Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih	122 358 139	128 608 139	6 250 000
09 02 04	Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa	130 752 568	143 002 568	12 250 000
PP/AP	*Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*			*6 700 000*
	Total			**36 700 000**

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul tal-approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 57 259,3 miljun, u dan iħalli marġni ta' EUR 35,7 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 3.

Intestatura 4 – Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit iżda bl-aġġustamenti li ġejjin, maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Baġit 2023	Differenza
4.0.11	*Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni*	*1 418 121 253*	*1 454 621 253*	*36 500 000*

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

Linja baġitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Baġit 2023	Differenza
10 02 01	Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni	1 414 824 860	1 451 324 860	36 500 000
4.0.1DAG	*Aġenziji Deċentralizzati*	*169 169 287*	*172 169 287*	*3 000 000*
10 10 01	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)	169 169 287	172 169 287	3 000 000
4.0.211	*Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) – Strument għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża (BMVI)*	*946 798 303*	*956 798 303*	*10 000 000*
11 02 01	Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi	944 798 303	954 798 303	10 000 000
4.0.2DAG	*Aġenziji Deċentralizzati*	*1 052 269 675*	*1 002 769 675*	*- 49 500 000*
11 10 01	Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera (Frontex)	793 614 137	743 614 137	- 50 000 000
11 10 02	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("u-LISA")	258 655 538	259 155 538	500 000
	Total			**0**

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul tal-approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 3 727,3 miljun, u dan ihalli marġni ta' EUR 86,7 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 4.

Intestatura 5 – Sigurtà u Difiża

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit iżda bl-aġġustamenti li ġejjin, maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Baġit 2023	Differenza
5.0.22	*Mobbiltà Militari*	236 685 681	295 185 681	58 500 000
13 04 01	Mobbiltà militari	234 970 661	293 470 661	58 500 000
	Total			**58 500 000**

Barra minn hekk, sakemm jintlaħaq il-ftehim dwar il-programm ta' konnettività spazjali sigura, l-ammonti proposti fl-Abbozz ta' Baġit għal dan l-għan se jitqiegħdu f'riżerva, biex jiġu rilaxxati jew emendati f'konformità mas-soluzzjoni ta' finanzjament li finalment jintlaħaq qbil dwarha mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Id-dettalji huma stabbiliti fit-taqsima 1.5 hawn taħt.

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 2 116,6 miljun, mingħajr marġni taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 5 u l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għal ammont ta' EUR 170,6 miljun.

Intestatura 6 – Il-Viċinat u d-Dinja

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2023 iżda bl-aġġustamenti li ġejjin, maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Baġit 2023	Differenza
6.0.111	*Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI – Ewropa Globali)*	*11 970 770 313*	*12 250 770 313*	*280 000 000*
14 02 01 10	Il-Viċinat tan-Nofsinhar	1 657 209 546	1 727 209 546	70 000 000
14 02 01 11	Il-Viċinat tal-Lvant	618 890 238	828 890 238	210 000 000
	Total			**280 000 000**

Għall-istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, iż-żieda ta' EUR 210 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-viċinat tal-Lvant (partita baġitarja 14 02 01 11) se tkun iddedikata għal miżuri fl-Ukrajna u fil-Moldova b'reazzjoni għall-aggressjoni Russa. Iż-żieda ta' EUR 70 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-viċinat tan-Nofsinhar (partita baġitarja 14 02 01 10) hija maħsuba biex tiffinanzja azzjonijiet relatati mal-migrazzjoni, b'mod partikolari azzjonijiet li jappoġġaw il-ġestjoni u l-governanza tal-migrazzjoni u l-ispostament furzat u l-UNRWA.

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 17 211,9 miljun, mingħajr marġni taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 6 u l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għal ammont ta' EUR 882,9 miljun.

Intestatura 7 – Amministrazzjoni Pubblika Ewropea

L-għadd ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal tal-istituzzjonijiet u l-approprjazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni fl-Abbozz tal-Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2023 huma maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

— It-taqsima tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li għaliha jiżdiedu erba' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament żdied b'EUR 634 903 meta wieħed iqis ir-reklutaġġ bħala medja f'nofs is-sena;

— It-taqsima tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li għaliha jiżdiedu disa' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament żdied b'EUR 1 005 422 meta wieħed iqis ir-reklutaġġ bħala medja f'nofs is-sena. Il-pożizzjonijiet korrispondenti huma temporanji, sal-2027;

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

— It-taqsima tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew li għaliha jiżdiedu żewġ pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament żdied b'EUR 115 497 meta wieħed iqis ir-reklutaġġ bħala medja f'nofs is-sena;

— It-taqsima tal-Ombudsman Ewropew li għaliha jiżdiedu żewġ pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament żdied b'EUR 101 388 meta wieħed iqis ir-reklutaġġ bħala medja f'nofs is-sena.

— It-Taqsima tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data li għaliha jiżdiedu ħames pożizzjonijiet li minnhom tliet pożizzjonijiet jiżdiedu mat-tabella tal-persunal tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u żewġ pożizzjonijiet mat-tabella tal-persunal tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għalhekk jiżdied b'EUR 388 202 meta jitqies ir-reklutaġġ bħala medja f'nofs is-sena;

— It-taqsima tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Estern (SEAE) li għaliha r-riżorsi ta' persunal jiżdiedu bi 11-il Aġent Kuntrattwali u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament żdied b'EUR 420 239 meta wieħed iqis ir-reklutaġġ bħala medja f'nofs is-sena.

L-aġġustamenti, li jirriżultaw f'żieda ta' EUR 2,7 miljun fl-intestatura 7, huma spjegati fid-dettall fit-tabelli li ġejjin:

Taqsima 4 – Il-Qorti tal-Ġustizzja

Linja baġitarja/ Programm	**Isem**	**Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)**		
		AB 2023 (inkl. IE1)	**Baġit 2023**	**Differenza**
1 2 0 0	Pagi u allowances	304 868 000	305 502 903	634 903
	Total			**634 903**

Taqsima 5 – Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Linja baġitarja/ Programm	**Isem**	**Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)**		
		AB 2023 (inkl. IE1)	**Baġit 2023**	**Differenza**
1 2 0 0	Pagi u allowances	129 600 000	130 605 422	1 005 422
	Total			**1 005 422**

Taqsima 6 – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Linja baġitarja/ Programm	**Isem**	**Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)**		
		AB 2023 (inkl. IE1)	**Baġit 2023**	**Differenza**
1 2 0 0	Pagi u allowances	82 849 505	82 965 001	115 496
	Total			**115 496**

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

Taqsima 8 – L-Ombudsman Ewropew

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Baġit 2023	Differenza
1 2 0 0	Pagi u allowances	9 002 978	9 104 366	101 388
	Total			**101 388**

Taqsima 9 – Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Baġit 2023	Differenza
1 1 0 0	Pagi u allowances	7 491 500	7 724 420	232 920
3 0 1 0	Pagi u allowances	2 123 500	2 278 782	155 282
	Total			**388 202**

Taqsima 10 – Is-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Baġit 2023	Differenza
1 2 0 0	Persunal b'kuntratt	20 967 900	21 388 139	420 239
	Total			**420 239**

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 11 311,3 miljuni, li jħalli marġni ta' EUR 107,7 miljun taħt il-limitu massimu tal-intestatura 7, li minnhom EUR 28,2 miljun huma taħt is-submarġni għan-"Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet".

Strumenti tematiċi speċjali: FEG, SEAR u BAR

L-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG), u r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR) huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit.

1.4. **Approprjazzjonijiet ta' pagament**

Il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament globali fil-Baġit tal-2023 huwa stabbilit fil-livell tal-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2023, bl-aġġustamenti li ġejjin maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni:

1. Jitqies il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għan-nefqa mhux differenzjata (l-intestaturi 1 sa 6), li għalihom il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament huwa ugwali għal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn. Dan japplika wkoll għat-tnaqqis tal-kost tal-finanzjament tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) b'EUR 170,0 miljun. Meta jitqies ukoll l-aġġustament għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-aġenziji deċentralizzati, l-effett ikkombinat huwa tnaqqis ta' EUR 214,0 miljun;

2. L-aġġustament taħt l-intestatura 7 li jirriżulta f'żieda ta' EUR 2,7 miljun;

3. L-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-proġetti pilota u għall-azzjonijiet preparatorji *godda* kollha proposti mill-Parlament huma stabbiliti fil-livell ta' 25 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn korrispondenti jew, fil-livell propost mill-Parlament, jekk ikun iktar baxx. Fil-każ ta' estensjoni ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji eżistenti, il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament huwa l-livell definit fl-Abbozz ta' Baġit kif emendat mill-Ittra emendatorja Nru 1/2023 flimkien ma' 25 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn ġodda korrispondenti, jew fil-livell propost mill-Parlament, jekk ikun aktar baxx. L-effett ikkombinat huwa żieda ta' EUR 19,8 miljun;

4. L-aġġustamenti għal-linji baġitarji tan-nefqa differenzjata li għalihom l-effett ikkombinat huwa żieda ta' EUR 177,0 miljun.

L-aġġustamenti, li jirriżultaw fi tnaqqis globali ta' EUR 14,5 miljun, huma stabbiliti fit-tabella li ġejja:

Linja baġitarja/ Programm	**Isem**	**Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)**		
		AB 2023 (inkl. IE1)	**Baġit 2023**	**Differenza**
Intestatura 1				
1.0.11	*Orizzont Ewropa*	*11 903 569 694*	*11 908 569 694*	*5 000 000*
01 02 01 02	Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie	602 437 939	607 437 939	5 000 000
1.0.13	*Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)*	*721 228 782*	*671 228 782*	*- 50 000 000*
01 04 01	Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER – Impriża Konġunta Ewropea ITER – u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni	563 509 002	513 509 002	- 50 000 000
1.0.221	*FNE Trasport*	*1 922 486 490*	*1 943 486 490*	*21 000 000*
02 03 01	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) – Trasport	973 760 000	994 760 000	21 000 000
1.0.222	*FNE Enerġija*	*713 629 670*	*723 629 670*	*10 000 000*
02 03 02	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) – Enerġija	246 000 000	256 000 000	10 000 000
1.0.31	*Programm għas-Suq Uniku (inkl. SMEs)*	*610 260 036*	*615 260 036*	*5 000 000*
03 02 02	Titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi, partikolarment l-SMEs, u jiġu appoġġati fl-aċċess għas-swieq	132 069 500	137 069 500	5 000 000
PP/AP	*Proġetti pilola u azzjonijiet preparatorji*			*9 331 250*
	Total Intestatura 1			**331 250**
Subintestatura 2a				

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Baġit 2023	Differenza
PP/AP	*Proġetti pilola u azzjonijiet preparatorji*			*875 000*
	Total Subintestatura 2a			**875 000**
Subintestatura 2b				
2.2.23	*Il-kost ta' finanzjament tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI)*	*1 485 775 000*	*1 315 775 000*	*- 170 000 000*
06 04 01	Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) – Il-ħlas ta' kupun perjodiku u l-fidi meta jagħlaq	1 479 775 000	1 309 775 000	- 170 000 000
2.2.25	*Programm l-UE għas-Saħħa*	*619 341 615*	*626 841 615*	*7 500 000*
06 06 01	Programm l-UE għas-Saħħa	570 712 378	578 212 378	7 500 000
2.2.32	*Erasmus+*	*3 274 197 196*	*3 291 597 196*	*17 400 000*
07 03 01 01	Il-promozzjoni tal-mobbilità għat-tagħlim tal-individwi, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ – Ġestjoni indiretta	2 280 250 000	2 296 250 000	16 000 000
07 03 03	Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-kowċis u tal-persunal sportiv, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet sportivi u l-politiki tal-isport.	55 000 000	56 400 000	1 400 000
2.2.33	*Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES)*	*122 118 124*	*124 118 124*	*2 000 000*
07 04 01	Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà	104 000 000	106 000 000	2 000 000
2.2.34	*Ewropa Kreattiva*	*306 962 192*	*312 462 192*	*5 500 000*
07 05 01	Kultura	89 452 597	91 452 597	2 000 000
07 05 02	Il-Media	137 922 353	141 422 353	3 500 000
2.2.352	*Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri*	*155 069 755*	*156 569 755*	*1 500 000*
07 06 02	Il-promozzjoni tal-involviment u tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni	18 510 511	19 010 511	500 000
07 06 03	Daphne	26 078 886	26 828 886	750 000
07 06 04	Protezzjoni u promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni	54 381 753	54 631 753	250 000

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

Linja bażitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Bażit 2023	Differenza
2.2.3DAG	*Aġenziji deċentralizzati*	*263 290 848*	*265 790 848*	*2 500 000*
07 10 08	L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	62 101 095	64 601 095	2 500 000
PP/AP	*Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*			*7 897 625*
	Total subintestatura 2b			**- 125 702 375**
Intestatura 3				
3.2.21	*Il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)*	*513 989 167*	*522 689 167*	*8 700 000*
09 02 01	Natura u bijodiversità	97 698 396	99 323 396	1 625 000
09 02 02	Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja	69 504 430	71 129 430	1 625 000
09 02 03	Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih	47 000 000	48 625 000	1 625 000
09 02 04	Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa	53 000 000	56 825 000	3 825 000
PP/AP	*Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*			*1 675 000*
	Total Intestatura 3			**10 375 000**
Intestatura 4				
4.0.11	*Il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni*	*1 314 919 500*	*1 329 919 500*	*15 000 000*
10 02 01	Il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni	710 919 500	725 919 500	15 000 000
4.0.1DAG	*Aġenziji Deċentralizzati*	*169 169 287*	*172 169 287*	*3 000 000*
10 10 01	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)	169 169 287	172 169 287	3 000 000
4.0.211	*Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) – Strument għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi (BMVi)*	*394 492 752*	*396 992 752*	*2 500 000*
11 02 01	Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi	276 492 752	278 992 752	2 500 000
4.0.2DAG	*Aġenziji Deċentralizzati*	*1 117 019 143*	*1 067 519 143*	*- 49 500 000*
11 10 01	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	793 614 137	743 614 137	- 50 000 000
11 10 02	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("eu-LISA")	323 405 006	323 905 006	500 000

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

Linja bażitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2023 (inkl. IE1)	Bażit 2023	Differenza
PP/AP	*Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*			*0*
	Total Intestatura 4			**- 29 000 000**
Intestatura 5				
5.0.22	*Mobbiltà Militari*	*106 715 020*	*131 715 020*	*25 000 000*
13 04 01	Mobbiltà militari	105 000 000	130 000 000	25 000 000
	Total Intestatura 5			**25 000 000**
Intestatura 6				
6.0.111	*Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI – Ewropa Globali)*	*8 842 716 018*	*8 943 716 018*	*101 000 000*
14 02 01 10	Il-Viċinat tan-Nofsinhar	423 893 255	444 893 255	21 000 000
14 02 01 11	Il-Viċinat tal-Lvant	185 608 958	265 608 958	80 000 000
	Total Intestatura 6			**101 000 000**
Intestatura 7				
7.1.24	*Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*	*485 342 893*	*485 977 796*	*634 903*
7.1.25	*Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri*	*174 054 500*	*175 059 922*	*1 005 422*
7.1.26	*Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*	*158 652 474*	*158 767 970*	*115 496*
7.1.28	*L-Ombudsman Ewropew*	*12 943 383*	*13 044 771*	*101 388*
7.1.29	*Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*	*21 941 500*	*22 329 702*	*388 202*
7.1.2X	*Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna*	*819 647 241*	*820 067 480*	*420 239*
	Total Intestatura 7			**2 665 650**
TOTAL				**- 14 455 475**

Kumplessivament dan jirriżulta f'livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 168 648,7 miljun, li jirrappreżenta tnaqqis ta' EUR 14,5 miljun meta mqabbel mal-Abbozz ta' Bażit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2023.

1.5. **Riżervi**

Ma hemm l-ebda riżerva minbarra dawk tal-Abbozz ta' Bażit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2023.

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

1.6. **Kummenti baġitarji**

It-test tal-kummenti baġitarji jikkorrispondi għall-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2023 bl-aġġustamenti li ġejjin proposti fl-ittra ta' eżegwibbiltà u maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni:

— Linji baġitarji li fir-rigward tagħhom ġew introdotti emendi mill-Parlament Ewropew għat-taqsima tiegħu stess huma approvati mingħajr modifiki: Dan jinkludi l-emenda li ġejja:

— **Partita 1 2 0 0 –** Remunerazzjonijiet u allowances

Żid it-test li ġej:

98 pożizzjoni addizzjonali fit-tabella tal-persunal għas-sena 2023. Dawn il-pożizzjonijiet huma maħsuba għal sena baġitarja waħda u se jitneħħew mit-tabella tal-persunal fl-abbozz tal-baġit tal-2024. Dawn il-pożizzjonijiet huma maħsuba biex jiffaċilitaw il-kontinwità tal-impjieg ta' persunal temporanju fid-dawl tal-applikazzjoni tal-Artikolu 29(4) tar-Regolament tal-Persunal. L-ebda approprjazzjoni addizzjonali mhi se tkun meħtieġa.

— Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel ukoll li l-għadd ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal tal-"Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej u l-Kumitat ta' Persuni Eminenti Indipendenti" għandu jkun immarkat b'mod ċar fit-tabella tal-persunal tal-Parlament Ewropew billi tiġi introdotta linja ġdida taħt it-total ġenerali tal-Parlament Ewropew, li tipprevedi "li minnhom, għall-Awtorità".

— Linji baġitarji li fir-rigward tagħhom l-emendi introdotti mill-Parlament Ewropew huma approvati mingħajr modifiki:

— **Artikolu 14 04 02** – Il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound)

It-test jiġi emendat kif ġej:

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa fuq is-salarji tal-RSUE u fuq l-istabbiliment tal-iskwadri u/jew l-istrutturi ta' sostenn tagħhom, inklużi ***kostijiet tal-ivvjaġġar u*** kostijiet tal-persunal barra dawk marbuta ma' persunal issekondat minn Stati Membri jew istituzzjonijiet tal-Unjoni. Tkopri wkoll il-kostijiet ta' kwalunkwe proġett implimentat taħt ir-responsabbiltà diretta ta' RSUE.

— Linji baġitarji li għalihom il-kumment baġitarju rispettiv kif propost fl-Abbozz ta' Baġit kif emendat bl-Ittra Emendatorja, huma approvati bil-modifiki li ġejjin:

— **Partita 13 03 01** – Riċerka dwar id-difiża

Emenda l-paragrafu kif ġej:

studji, bħal studji ta' fattibbiltà biex tiġi esplorata l-fattibbiltà ta' teknoloġiji, prodotti, proċessi, servizzi u soluzzjonijiet ġodda jew imtejba, **inkluż fil-qasam taċ-ċiberdifiża u ċ-ċibersigurtà**,

— Linji baġitarji ġodda wara l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi Strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) fid-9 ta' Novembru 2022 li għalihom il-kumment baġitarju rispettiv huwa approvat bit-test li ġej:

— **Artikolu 14 01 06** – Nefqa ta' appoġġ għall-Ukrajna – Assistenza Makrofinanzjarja Plus (MFA+)

Żid it-test li ġej:

Minbarra n-nefqa deskritta f'dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll, u b'mod aktar speċifiku, biex tkopri n-nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrument u biex jintlaħqu l-objettivi tiegħu, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat mal-ilħiq tal-objettivi tiegħu, inkluż appoġġ amministrattiv assoċjat mal-attivitajiet ta' tħejjija, segwitu, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni meħtieġa għal tali implimentazzjoni, kif ukoll in-nefqa fis-sede u fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni għall-appoġġ amministrattiv u ta' koordinazzjoni meħtieġ għall-Istrument, u għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet iffinanzjati fl-ambitu tal-Istrument, inklużi azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, u sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattivi.

— **Kapitolu 14 07** – Assistenza Makrofinanzjarja Plus (MFA+) għall-Ukrajna

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

Żid it-test li ġej:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa operazzjonali relatata ma' azzjonijiet imwettqa fl-ambitu tal-Istrument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +). L-objettiv ġenerali tal-Istrument huwa li jipprovdi għajnuna finanzjarja fuq terminu qasir b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat u f'waqtu, finanzjament tar-riabilitazzjoni u appoġġ inizjali għar-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra, fejn xieraq, bil-ħsieb li l-Ukrajna tiġi appoġġata fi triqitha lejn l-integrazzjoni Ewropea.

Biex jintlaħaq l-objettiv ġenerali, l-objettivi speċifiċi ewlenin għandhom b'mod partikolari jappoġġaw:

— l-istabbiltà makrofinanzjarja, u jnaqqsu r-restrizzjonijiet finanzjarji esterni u interni tal-pajjiż;

— ma' aġenda ta' riforma orjentata lejn il-faži preparatorja bikrija tal-proċess ta' qabel l-adeżjoni, kif ikun xieraq, inkluż it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-Ukrajna, ir-riforma u t-tisħiħ tal-effettività tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll it-trasparenza, ir-riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha;

— ir-riabilitazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi u tal-infrastruttura u l-għajnuna għan-nies fil-bżonn.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

— **Artikolu 14 07 01** – Sussidju tar-rata tal-imgħax tal-MFA+ għall-Ukrajna

Żid it-test li ġej:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri attivitajiet li għandhom l-għan li jagħtu sussidju tar-rata tal-imgħax relatat ma' għoti u teħid b'self, bl-eċċezzjoni tal-kostijiet relatati mal-ħlas lura bikri tas-self, fir-rigward tas-self fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(2), il-punti (d) u (e) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

— **Artikolu 14 07 02** – Appoġġ mhux ripagabbli tal-MFA+ għall-Ukrajna

Żid it-test li ġej:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri ammonti addizzjonali magħmula disponibbli mill-Istati Membri u pajjiżi terzi u partijiet interessati, implimentati bħala appoġġ mhux ripagabbli fejn previst fil-Memorandum ta' Qbil li għandu jiġi konkluż skont l-Artikolu 7 tar-Regolament propost, jew f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/947 u r-Regolament (KE) Nru 1257/96 biex jiġu ffinanzjati miżuri li jilħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 2(2), il-punti (b) sa (c) tar-Regolament propost.

Din l-approprjazzjoni għandha b'mod partikolari tkun relatata ma'

— aġenda ta' riforma orjentata lejn il-faži preparatorja bikrija tal-proċess ta' qabel l-adeżjoni, kif ikun xieraq, inkluż it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-Ukrajna, ir-riforma u t-tisħiħ tal-effettività tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll it-trasparenza, ir-riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha;

— ir-riabilitazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi u tal-infrastruttura u l-għajnuna għan-nies fil-bżonn.

Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(2), il-punti (d) u (e) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

— Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel li jinkludi n-nota f'qiegħ il-paġna li ġejja fil-pjan ta' stabbiliment tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Żid it-test li ġej:

"Pożizzjonijiet addizzjonali (2023) (29 awditur, b'rabta man-NGEU u awtorizzati sal-2027)".

— F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel li jagħmel l-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli mill-ġdid fil-linja baġitarja 01 02 02 20. Ir-rimarki tal-baġit se jiġu aġġustati kif xieraq:

Linja baġitarja	Isem
01 02 02 20	*Iżżied it-test li ġej:* **F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju, ammont ta' EUR 29 762 369 f'approprjazzjonijiet ta' impenn huwa disponibbli għal din il-partita baġitarja b'żieda mad-dižimpenji li saru fl-2020 b'riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali tal-proġetti ta' riċerka.**

— F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel li jagħmel l-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli mill-ġdid fil-linja baġitarja 01 02 02 40. Ir-rimarki tal-baġit se jiġu aġġustati kif xieraq:

Linja baġitarja	Isem
01 02 02 40	*Iżżied it-test li ġej:* **F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju, ammont ta' EUR 89 287 105 f'approprjazzjonijiet ta' impenn huwa disponibbli għal din il-partita baġitarja b'żieda mad-dižimpenji li saru fl-2020 b'riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali tal-proġetti ta' riċerka.**

— F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel li jagħmel l-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli mill-ġdid fil-linja baġitarja 01 02 02 50. Ir-rimarki tal-baġit se jiġu aġġustati kif xieraq:

Linja baġitarja	Isem
01 02 02 50	*Iżżied it-test li ġej:* **F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju, ammont ta' EUR 29 762 369 f'approprjazzjonijiet ta' impenn huwa disponibbli għal din il-partita baġitarja b'żieda mad-dižimpenji li saru fl-2020 b'riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali tal-proġetti ta' riċerka.**

Dan hu bbażat fuq il-fehim li l-emendi introdotti mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jistgħux jimmodifikaw jew jestendu l-kamp ta' applikazzjoni ta' att ta' bażi eżistenti, jew jaffettwaw l-awtonomija amministrattiva tal-istituzzjonijiet, u li l-azzjoni tista' tiġi koperta minn riżorsi disponibbli.

1.7. **Nomenklatura tal-baġit**

In-nomenklatura tal-baġit proposta mill-Kummissjoni fl-Abbozz tal-Baġit, kif emendata bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2023, hija maqbula, bl-inklużjoni tal-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji *l-ġodda*. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel ukoll dwar il-ħolqien ta' linja baġitarja ġdida fit-taqsima tal-Parlament Ewropew (Artikolu 5 0 2 – Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej – Pagi u allowances). Fl-aħħar nett, bi qbil mad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi Strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) fid-9 ta' Novembru 2022, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel dwar il-ħolqien ta' tliet linji baġitarji ġodda fit-taqsima tal-Kummissjoni Ewropea, kif ġej:

— Artikolu 14 01 06 – Nefqa ta' appoġġ għall-Ukrajna – Assistenza Makrofinanzjarja Plus (MFA+)

— Artikolu 14 07 01 – Sussidju tar-rata tal-imgħax tal-MFA+ għall-Ukrajna

— Artikolu 14 07 02 – Appoġġ mhux ripagabbli tal-MFA+ għall-Ukrajna

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

2. **Baġit 2022**

L-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 5/2022 huwa approvat, b'emenda waħda fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni: minħabba l-adozzjoni tard tal-bażi legali għall-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża Ewropea permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA), l-ammont ta' EUR 82 972 301 f'approprjazzjonijiet ta' impenn imqiegħed fir-riżerva għal dan l-għan mhuwiex aċċettat, u l-linja baġitarja korrispondenti 13 06 01 ma nħolqitx għas-sena finanzjarja 2022.

3. **Dikjarazzjonijiet**

3.1. **Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jappellaw lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja mill-qrib u b'mod attiv matul is-sena 2023 l-implimentazzjoni tal-programmi tal-QFP attwali u preċedenti (b'mod partikolari fis-subintestatura 2a u l-Iżvilupp Rurali). Għal dan il-għan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta, b'mod f'waqtu, ċifri aġġornati li jikkonċernaw is-sitwazzjoni attwali u l-istimi rigward l-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2023 (b'kont meħud tal-preċiżjoni mtejba tal-previżjonijiet tal-Istati Membri fejn applikabbli). Jekk iċ-ċifri juru li l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għall-2023 mhumiex biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta mill-aktar fis possibbli soluzzjoni xierqa, fost l-oħrajn abbozz ta' baġit emendatorju, bil-ħsieb li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jieħdu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa malajr kemm jista' jkun mingħajr dewmien żejjed għal ħtiġijiet ġustifikati. Fejn applikabbli, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser iqisu l-urġenza tal-kwistjoni, billi jnaqqsu l-perijodu ta' tmien ġimgħat għal deċiżjoni jekk jitqies meħtieġ. L-istess japplika *mutatis mutandis* jekk iċ-ċifri juru li l-approprjazzjonijiet li ddaħħlu fil-baġit għall-2023 jkunu ogħla minn kemm ikun meħtieġ.

3.2. **Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep u l-programm ta' konnettività spazjali sigura**

It-tliet istituzzjonijiet jirrikonoxxu li l-finanzjament tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep u l-programm ta' konnettività spazjali sigura se jiddependi fuq l-eżitu finali tan-negozjati leġiżlattivi li għaddejjin bħalissa. Fid-dawl tat-test finali tar-Regolamenti approvati u tad-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Leġiżlattivi li jakkumpanjaw, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta lill-awtorità baġitarja t-trasferimenti meħtieġa jew abbozz ta' baġit emendatorju mingħajr dewmien, sabiex jiġi żgurat li ammont adegwat ta' approprjazzjonijiet isir disponibbli għall-użu fis-sena finanzjarja 2023.

Jekk jintlaħaq ftehim dwar il-finanzjament tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill inkluż l-użu tal-approprjazzjonijiet li jridu jerġgħu jsiru disponibbli abbażi tal-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju għal Orizzont Ewropa, tali modifika se tiġi inkluża f'abbozz ta' baġit emendatorju.

3.3. **Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar iċ-ċibersigurtà**

Iċ-ċibersigurtà robusta u kkoordinata hija ta' importanza kritika għall-kontinwità tal-operat tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, b'mod partikolari fit-tħejjija għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2024. It-tliet istituzzjonijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa ta' kapaċità ċentrali biex jiġu indirizzati t-theddid għaċ-ċibersigurtà u l-inċidenti tagħha. Approċċ koordinat huwa l-aktar wieħed kosteffettiv u jista' joffri livell għoli ta' protezzjoni lil kulħadd, inkluż lil dawk l-aktar vulnerabbli.

It-tliet istituzzjonijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa għal riżorsi adegwati taċ-ċibersigurtà, f'kull istituzzjoni u, b'mod partikolari, fl-Iskwadra interistituzzjonali ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej (CERT-UE).

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-CERT-UE u mal-istituzzjonijiet l-oħra, hija mitluba tfassal valutazzjoni, sa nofs l-2023, tal-ħtiġijiet għal pożizzjonijiet fiċ-ċibersigurtà fis-CERT-UE u fl-istituzzjonijiet kollha kif ukoll tal-mandat tas-CERT-UE.

L-awtorità baġitarja tistieden lill-Istituzzjonijiet tal-UE jikkollaboraw biex isaħħu ċ-ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet tal-UE kollha. Wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, ir-riżorsi għaċ-ċibersigurtà previsti fil-baġit tal-2023 għall-istituzzjonijiet tal-UE kollha għandhom ikunu disponibbli b'mod koordinat biex tiġi massimizzata l-protezzjoni tal-Istituzzjonijiet, b'mod partikolari iżda mhux esklussivament permezz ta' tisħiħ tal-kapaċità ċentrali taċ-ċibersigurtà.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe użu tar-riżorsi umani u baġitarji mis-CERT-UE mill-istituzzjonijiet parteċipanti li jirriżulta mill-ftehim dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni (COM(2022)0122).

L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022

3.4. **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rieżami tal-qafas finanzjarju pluriennali**

Il-Kummissjoni se tivvaluta s-sostenibbiltà tal-limiti massimi tan-nefqa u tas-sottolimiti massimi tal-intestaturi kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tar-Regolament QFP, li qed tippjana li twettaq sa nofs l-2023, kif stabbilit fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023.